Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2023/0284(COD)

24.2.2025

EMENDI
799 - 1072

Abbozz ta' rapport
Jens Gieseke, Paulius Saudargas
(PE768.004v01-00)

Ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u l-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u t-tħassir tad-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0451 – C9-0308/2023 – 2023/0284(COD))

Emenda 799
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew il-boron riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporat f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.	(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew il-boron riċiklat mill-iskart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporat f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-materjali mill-flussi ta' skart kollha għandhom jgħoddu mal-mira.

Emenda 800
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew il-boron riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporat f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.	(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew il-boron riċiklat mill-iskart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporat f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.

Or. en

Emenda 801
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju ***jew il-boron riċiklat*** mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u ***inkorporat*** f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.	(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju***, in-nikil, il-kobalt u l-boron riċiklati*** mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u ***inkorporati*** f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.

Or. en

Emenda 802
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju ***jew*** boron ***riċiklat*** minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li ***għandu jkun*** preżenti fit-tipi ta' vetturi u ***inkorporat*** fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.	Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, ***ħġieġ, lasktu,*** manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju***, nikil, kobalt u*** boron ***riċiklati*** minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li ***għandhom ikunu*** preżenti fit-tipi ta' vetturi u ***inkorporati*** fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858 ***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Or. en

Emenda 803
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju ***jew*** boron ***riċiklat*** minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li ***għandu jkun*** preżenti fit-tipi ta' vetturi u ***inkorporat*** fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.	Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, ***ħġieġ, lasktu,*** neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju***, nikil, kobalt u*** boron ***riċiklati*** minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li ***għandhom ikunu*** preżenti fit-tipi ta' vetturi u ***inkorporati*** fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858 ***minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Or. en

Emenda 804
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat	Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, ***ram,*** neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju***, nikil, kobalt*** jew boron riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u

fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.	inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.

Or. en

Emenda 805
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.	Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.

Or. en

Emenda 806
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-	Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-

Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.	Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.

Or. en

Emenda 807
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta*** dan ir-Regolament ***billi tistabbilixxi*** sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.	Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni ***jekk ikun xieraq se tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament proposta biex temenda*** dan ir-Regolament ***biex tintroduċi*** sehem minimu ta' aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.

Or. en

Emenda 808
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sehem minimu tal-kontenut riċiklat tal-materjali msemmija fit-tieni subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq l-istudju ta' fattibbiltà ***msemmi fl-ewwel subparagrafu, filwaqt li jitqies dan kollu li ġej:***	Is-sehem minimu tal-kontenut riċiklat tal-materjali msemmija fit-tieni subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq l-istudju ta' fattibbiltà***.***

Or. en

Emenda 809
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-disponibbiltà kurrenti u prevista tal-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu riċiklati mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 810
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ishma kurrenti tal-kontenut riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur fil-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu f'vetturi mqiegħda fis-suq;	***imħassar***

Or. en

Emenda 811
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-vijabbiltà ekonomika, il-progress tekniku u xjentifiku, inklużi l-bidliet fid-disponibbiltà tat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ li jikkonċernaw it-tip ta' materjali riċiklati, u r-rati ta' riċiklaġġ tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 812
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kontribut ta' sehem minimu f'vetturi ta' kontenut riċiklat tal-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni u l-objettivi klimatiċi u ambjentali tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 813
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-impatti possibbli fuq il-funzjonament tal-vetturi mill-inkorporazzjoni ta' kontenut riċiklat tal-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu fil-partijiet u l-komponenti tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 814
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-ħtieġa li jiġu evitati impatti negattivi sproporzjonati fuq l-affordabbiltà tal-vetturi li fihom il-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 815
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-influwenza fuq il-kostijiet kumplessivi u l-kompetittività tas-settur awtomobilistiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 816
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati mill-iskart	***imħassar***

ta' wara l-użu mill-konsumatur fit-tipi ta' vetturi.

Or. en

Emenda 817
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur fit-tipi ta' vetturi.	Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ***delegat*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur fit-tipi ta' vetturi ***kif stabbilit fil-paragrafu 4***.

Or. en

Emenda 818
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur fit-tipi ta' vetturi.	Il-Kummissjoni tista' tadotta att ***delegat*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati mill-iskart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur fit-tipi ta' vetturi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-materjali mill-flussi ta' skart kollha għandhom jgħoddu mal-miri.

Emenda 819
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 820
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 821
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-att ***ta' implimentazzjoni*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***51(2)***.	Dak l-att ***delegat*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***50(2)***.

Or. en

Emenda 822
Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-fluwidi u l-gassijiet tas-sistema tal-arja kundizzjonata li jinsabu bħala mili inizjali mill-fabbrikant tat-tagħmir oriġinali (OEM) f'kull tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip mill-1 ta' Jannar 2030, skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandu jkun fihom, meta teknikament u ekonomikament fattibbli, minimu ta' 5 % ta' fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata reklamati bil-piż minn refriġerant irkuprat wara l-użu mill-konsumatur.
	Il-fluwidi u l-gassijiet tas-sistema tal-arja kundizzjonata li jinsabu bħala mili inizjali mill-fabbrikant tat-tagħmir oriġinali (OEM) f'kull tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip mill-1 ta' Jannar 2035, skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandu jkun fihom, meta teknikament u ekonomikament fattibbli, minimu ta' 10 % ta' fluwidi u gassijiet tas-sistema tal-arja kundizzjonata reklamati bil-piż minn refriġerant irkuprat wara l-użu mill-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mandat għall-użu mill-ġdid ta' fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata reklamati b'miri progressivi għall-2030 u l-2035 se jtejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi u ċ-ċirkolarità tas-settur awtomobilistiku. Jekk titqies id-dinamika tas-suq kurrenti, huwa meħtieġ approċċ gradwali għall-miri, li jibda b'rata minima ta' refriġerant reklamat ta' 5 % f'vetturi ġodda sal-2030 u rata minima ta' refriġerant reklamat ta' 10 % sal-2035. Dan se jippermetti żmien adegwat għall-adattament tal-industrija u l-investiment meħtieġ fl-infrastruttura u fil-ħiliet, filwaqt li jiffaċilita l-ambizzjoni taċ-ċirkolarità progressiva.

Emenda 823
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. 5. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data – l-aħħar jum tax-xahar 35 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà li tistabbilixxi rekwiżit dwar il-kontenut minimu għall-materjali li ġejjin:
	1. Lasktu minn tajers ta' skart
	2. Ħġieġ minn vetturi li ma għadhomx jintużaw
	Għal dan l-iskop, jeħtiġilha twettaq studju tal-fattibbiltà.
	Jekk, abbażi tal-istudju tal-fattibbiltà, ikun possibbli li jiġu imposti proporzjonijiet minimi ta' lasktu minn tajers ta' skart u ħġieġ minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fil-manifattura ta' vetturi ġodda, il-Kummissjoni għandha tressaq emenda lill-Kunsill u lill-Parlament li tipprevedi l-introduzzjoni ta' dawn il-proporzjonijiet minimi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun importanti ħafna li tiżdied id-domanda għal lasktu riċiklat għal tajers u komponenti tal-karozzi ġodda sabiex jittejjeb ir-riċiklaġġ tat-tajers fl-Unjoni. Hemm ukoll ħtieġa ta' azzjoni fir-rigward tal-ħġieġ. Bħalissa, il-ħġieġ minn vetturi li ma għadhomx jintużaw bilkemm qed jiġi riċiklat, għaliex dan huwa fil-biċċa l-kbira fattur ta' kost. L-obbligu li jitneħħa l-ħġieġ waħdu mhux se joħloq suq u jrid ikun ibbilanċjat b'responsabbiltà estiża tal-produttur. Minflok ma jiżdiedu l-kostijiet, għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri għall-kontenut ta' ħġieġ riċiklat f'vetturi ġodda.

Emenda 824
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għal-lasktu li jinsab f'kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandhom japplikaw il-perċentwali minimi li ġejjin:* ***– għal applikazzjonijiet tal-lasktu fuq il-qafas tal-vettura, 20 % għandu joriġina minn riċiklaġġ ta' skart ta' wara l-użu mill-konsumatur, ***– għal lasktu fit-tajers, 10 % għandu joriġina minn riċiklaġġ ta' skart ta' wara l-użu mill-konsumatur.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

65 % tal-produzzjoni ta' prodotti tal-lasktu ġenerali hija destinata għas-settur awtomobilistiku. Għalhekk, dan ir-regolament huwa f'pożizzjoni ideali biex joħloq suq ewlieni għal-lasktu riċiklat. Dan jevita li l-lasktu (u b'mod speċjali tajers tal-lasktu) jispiċċa fi proċessi ta' inċinerazzjoni jew landfill. L-awtonomija strateġika tal-UE hija msaħħa billi titnaqqas id-dipendenza fuq importazzjonijiet ta' lasktu naturali u sintetiku minn pajjiżi terzi.

Emenda 825
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-partijiet terzi indipendenti u akkreditati għandhom ikunu inkarigati li jimmonitorjaw il-konformità tal-miri tal-kontenut riċiklat imsemmija hawn fuq. Dawn għandhom joħorġu ċertifikazzjonijiet li jiżguraw li l-miri tal-kontenut riċiklat minimi jintlaħqu kif

xieraq, li jsemmu l-oriġini tal-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u li juru li l-ġbir, is-separazzjoni u r-riċiklaġġ:

– fl-UE twettqu skont leġiżlazzjoni u rekwiżiti rilevanti tal-UE,

– barra mill-UE twettqu f'konformità ma' leġiżlazzjoni u rekwiżiti rilevanti tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It makes no sense setting rules if their application is not being monitored and verified. Therefore, independent and accredited third parties shall be in charge of monitoring the correct application of the requirements in this Regulation and shall issue certificates of proof. This will also eliminate green-washing practices. In the case of recycled waste originating from outside of the EU, it should be verified that all relevant social, environmental and technical rules and legislation applicable in the EU, were also respected in the processes of third countries. It is pointless to strive for a circular economy in the EU respecting social, environmental and technical standards if we allow waste streams from third countries not respecting these standards to be dumped on our market.

Emenda 826
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Disinn li jippermetti t-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u komponenti fil-vetturi	Disinn li jippermetti t-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva*** u s-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u komponenti fil-vetturi

Or. en

Emenda 827
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Disinn li jippermetti t-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u komponenti fil-vetturi	Disinn li jippermetti t-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva*** u s-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u komponenti fil-vetturi

Or. en

Emenda 828
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Disinn li jippermetti t-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u komponenti fil-vetturi	Disinn li jippermetti t-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva*** u s-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u komponenti fil-vetturi

Or. en

Emenda 829
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ***ma jfixkilx*** it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ***jippermetti, b'mod faċli u mhux distruttiv,*** it-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva u s-sostituzzjoni, minn operaturi tat-tiswija, tal-manutenzjoni u tal-modifika***

retroattiva u mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti ***kollha*** elenkati fil-Parti C tal-Anness VII***, ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu 2,*** mill-vettura kkonċernata***,*** matul il-faži ***tal-użu u l-faži*** tal-iskart tal-vettura***, u għandha tkun imfassla biex tippermetti tiswijiet ta' rutina bl-użu ta' għodod ta' Klassi A, f'konformità mal-istandard EN45554, u tiswijiet aktar kumplessi bl-użu ta' għodod ta' Klassi B***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tqassir tad-data ta' skadenza biex jippermetti l-provvista suffiċjenti ta' partijiet u komponenti lil sewwejja u riċiklaturi. Ir-referenza għal għodod ta' Klassi A u B qiegħda hemm biex tippermetti tiswijiet minn operaturi indipendenti.

Emenda 830
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-faži tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija ***u jippermetti, b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija, it-tiswija, ir-rimanifattura, il-modifika retroattiva, ir-rinnovazzjoni u s-sostituzzjoni*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament ***u operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni*** tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-faži ***tal-użu u l-faži*** tal-iskart tal-vettura***, fejn tiswijiet ta' rutina jridu jkunu jistgħu jitwettqu b'għodod ta' Klassi A, f'konformità mal-***

istandard EN45554, u tiswijiet aktar kumplessi b'għodod ta' Klassi B.

Or. en

Emenda 831
Barbara Bonte, Viktória Ferenc, Filip Turek, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Silvia Sardone, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija***, is-sostituzzjoni, it-tiswija, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament ***jew minn operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni*** tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi ***tal-użu u l-fażi*** tal-iskart tal-vettura.

Or. en

Emenda 832
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ġdid ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ***72*** xahar wara d-	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ġdid ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ***36*** xahar wara d-

data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija ***mill-faċilitajiet*** awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija ***mill-unitajiet*** awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura***, bil-għan li jiġu ssostitwiti, jintużaw mill-ġdid, jiġu riċiklati, rimanifatturati jew rinnovati***.

Or. ro

Emenda 833
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ma jfixkilx it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura***, bil-ħsieb li jiġu sostitwiti, użati mill-ġdid, riċiklati, rimanifatturati jew rinnovati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tispeċifikax l-iskop maħsub tat-tneħħija, u b'hekk jibqa' riskju li l-komponenti jistgħu jitneħħew fiżikament biss mill-vettura, iżda ma jintużawx mill-ġdid, ma jiġux riċiklati, rimanifatturati jew rinnovati. Rekwiżiti tad-disinn tal-vetturi għandhom jippermettu b'mod ċar u espliċitu użi bħal dawn.

Emenda 834
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ***ma jfixkilx it-tneħħija*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ***jippermetti t-tneħħija faċli*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura***, meta teknikament u ekonomikament fattibbli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tifsira ta' "ma jfixkilx" fl-Artikolu 7(1) ma hijiex iddefinita b'mod ċar. Sabiex jiġu żgurati ċarezza u applikabbiltà prattika, din is-subklawżola għandha tiġi rriformulata biex it-tifsira tagħha tkun aktar espliċita u fattibbli fil-prattika. Barra minn hekk, għal ċerti komponenti elenkati—bħal ċineg għall-wajers sħaħ, dashboards u assemblaġġi simili—iż-żarmar faċli fl-istadju tad-disinn ma huwiex fattibbli. Barra minn hekk, dawn il-komponenti ta' spiss ma jkollhom l-ebda suq sekondarju vijabbli bħala spare parts.

Emenda 835
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ***ġdid*** ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel

tax-xahar ta’ wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] għandha titfassal b’mod li ma jfixkilx it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta’ trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	jum tax-xahar ta’ wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] għandha titfassal b’mod li ma jfixkilx it-tneħħija mill-faċilitajiet awtorizzati ta’ trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.

Or. en

Emenda 836
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta’ vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta’ wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] għandha titfassal b’mod li ***ma jfixkilx it-tneħħija*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta’ trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta’ vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta’ wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] għandha titfassal b’mod li ***jippermetti t-tneħħija*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta’ trattament tal-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.

Or. en

Emenda 837
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni***, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi ***u l-elementi kostitwenti tagħhom sal-iżgħar unità li tista' tinbidel*** u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura***, meta teknikament fattibbli, raġonevoli u proporzjonat***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligi ta' tneħħija għall-komponenti dejjem iridu jkunu teknikament fattibbli, raġonevoli u proporzjonati. It-tneħħija b'mod mhux distruttiv ma għandhiex tapplika għat-tneħħija għar-riċiklaġġ, u tapplika biss għal tneħħija għal użu mill-ġdid, għar-rinnovazzjoni jew għar-rimanifattura. Il-partijiet u l-komponenti msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx iqisu biss batteriji ta' vetturi elettriċi b'mod kumplessiv, iżda anke l-elementi kostitwenti tagħhom.

Emenda 838

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ***ġdid*** ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel

tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura***, meta teknikament fattibbli, raġonevoli u proporzjonat***.

Or. en

Emenda 839
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ġdid ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura***, meta teknikament fattibbli, raġonevoli u proporzjonat***.

Or. en

Emenda 840
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, ***fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar,*** sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija ***u s-sostituzzjoni*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija***, is-sostituzzjoni, ir-rimanifattura, il-modifika retroattiva u r-rinnovazzjoni*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi ***u l-elementi kostitwenti tagħhom sal-iżgħar unità li tista' tinbidel*** u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.

Or. en

Emenda 841
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-

dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija ***u s-sostituzzjoni*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, ***inkluż*** fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija***, is-sostituzzjoni u ż-żarmar*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi ***u l-pakketti tal-batteriji tagħhom*** u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.

Or. en

Emenda 842
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ġdid ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura***, meta teknikament u ekonomikament fattibbli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligi ta' tneħħija għall-komponenti jridu jkunu teknikament fattibbli, raġonevoli u

proporzjonati skont il-Premessa 42 tar-Regolament dwar il-Batteriji. Użu speċifiku jrid jiġġustifika t-tneħħija. It-tneħħija mhux distruttiva għandha tapplika biss għall-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni jew ir-rimanifattura, mhux għar-riċiklaġġ.

Emenda 843
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ***skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** għandha titfassal***, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru*** b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati ***jew*** operaturi tat-tiswija ***u*** tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal ***b'mod li jippermetti***, b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva*** u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi***, inklużi l-kaxxi tagħhom u l-elementi kostitwenti tagħhom,*** u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika***,*** mill-vettura***,*** b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati ***u*** operaturi tat-tiswija***,*** tal-manutenzjoni ***u tal-modifika retroattiva*** matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.

Or. en

Emenda 844
Barbara Bonte, Viktória Ferenc, Filip Turek, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Silvia Sardone, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk

jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni***, it-tiswija, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.
	Or. en

Emenda 845
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi***, ta' fluwidi refriġeranti*** u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.
	Or. en

Emenda 846
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ġdid ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal***, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar,*** sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod ***faċli*** u mhux distruttiv, ***it-tneħħija*** u s-sostituzzjoni ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura ***b'faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ġdid ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, sabiex ikunu jistgħu jsiru b'mod ***mgħaġġel*** u mhux distruttiv, ***ir-restawr*** u s-sostituzzjoni ***u r-rinnovazzjoni*** ta' batteriji tal-vetturi elettriċi ***u l-komponenti kostitwenti sal-iżgħar parti ta' sostituzzjoni,*** u ta' muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura***, minn unitajiet*** ta' trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.

Or. ro

Emenda 847
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-użu ta' materjali u tekniki li jistgħu jfixklu l-operazzjonijiet tat-tiswija, iż-żarmar faċli jew jagħmlu r-riċiklaġġ diffiċli ħafna, pereżempju adeżivi, reżini materjali tal-interfaċċja termali, gigafondar jew materjali rinforzati bil-fibra, huwa kundizzjonali fuq l-assenza ta' ostakli għaż-żarmar u s-sostituzzjoni tal-partijiet u l-komponenti elenkati fl-Anness VII, il-Parti C.

Or. en

Emenda 848
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-manifatturi ma għandhom jużaw l-ebda kodifikazzjoni diġitali li tipprevjeni jew tillimita t-tiswija, il-manutenzjoni jew is-sostituzzjoni ta' part jew komponent f'vettura oħra.

Or. en

Emenda 849
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-użu ta' materjali u tekniki li jistgħu jfixklu l-operazzjonijiet tat-tiswija, iż-żarmar faċli jew jagħmlu r-riċiklaġġ diffiċli ħafna, perežempju adeživi, režini materjali tal-interfaċċja termali, gigafondar jew materjali rinforzati bil-fibra, huwa kundizzjonali fuq l-assenza ta' ostakli għaż-żarmar u s-sostituzzjoni tal-partijiet u l-komponenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu u fl-Anness VII, il-Parti C.

Or. en

Emenda 850
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-użu ta' kodifikazzjoni diġitali għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kodifikazzjoni diġitali tipprevjeni jew tillimita t-tiswija, il-manutenzjoni jew is-sostituzzjoni ta' part jew komponent f'vettura oħra. Din għandha tkun ipprojbita.

Emenda 851
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-manifatturi għandhom jiggarantixxu aġġornamenti tas-software, inklużi patches ta' sigurtà. L-aġġornamenti tas-software ma għandhomx ifixklu t-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet u komponenti tal-vettura. Il-manifatturi għandhom jiżguraw ukoll aċċess għal dokumentazzjoni tas-software meħtieġa u għodod dijanjostiċi għall-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni u faċilitajiet tat-trattament awtorizzati.

Or. en

Emenda 852
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom juru li vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.	1. Il-manifatturi għandhom juru li ***tipi ta'*** vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip ***minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*** f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 853
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom juru li vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.	1. Il-manifatturi għandhom juru li ***tipi*** ġodda ***ta'*** vetturi li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip ***minn [72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ]*** f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858***, tar-Regolament (UE) 168/2013*** u ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskeda taż-żmien proposta tallinja ma' dik deskritta fl-Artikolu 7 preċedenti.

Emenda 854
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom juru li vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.	1. Il-manifatturi għandhom juru li ***tipi*** ġodda ***ta'*** vetturi li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip ***minn [72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ]*** f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskeda taż-żmien proposta hija konformi ma' dik imsemmija fl-Artikolu 7 preċedenti.

Emenda 855
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom juru li vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.	1. Il-manifatturi għandhom juru li vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858***, tar-Regolament (UE) 168/2013*** u ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 856
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom juru li vetturi ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.	1. Il-manifatturi għandhom juru li ***tipi*** ġodda ***ta'*** vetturi li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip ***minn [72 xahar wara d-data tad-dhul fis-seħħ]*** f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 857
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 5, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu:	2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 5***, il-paragrafu 2***, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' domandi tal-approvazzjoni tat-tip ġodda tkun tiddevja mir-regolament globalment armonizzat UN R133, li tnaqqas is-sinerġiji u l-istandardizzazzjoni tas-swieq mhux tal-UE. Mingħajr għodod u proċessi ċari għall-Artikolu 5(1), dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx jaffettwaw l-approvazzjonijiet tat-tip il-ġodda. Ir-restrizzjonijiet fuq is-Sustanzi ta' Tħassib għandhom japplikaw biss wara biżżejjed żmien wara l-adozzjoni ta' linji gwida, listi u proċeduri ċari biex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel.

Emenda 858
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 5, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu:	2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 5***, il-paragrafu 2***, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu:

Or. en

Emenda 859
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 5, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu***:***	2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 5***, il-paragrafu 2***, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu

Or. en

Emenda 860
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinkludiha fil-fowlder tal-informazzjoni ***imsemmi*** fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/858; u	(a) jinkludiha fil-fowlder tal-informazzjoni ***msemmi*** fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/858 ***jew fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 168/2013, skont kif applikabbli***; u

Or. en

Emenda 861
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jissottomettiha lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858.	(b) jissottomettiha lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858 ***jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 168/2013, skont kif applikabbli***.

Or. en

Emenda 862
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplika r-rekwiżit fl-Artikolu 9, il-manifattur għandu jissottometti l-istrateġija għaċ-ċirkolarità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858.	3. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplika r-rekwiżit fl-Artikolu 9, il-manifattur għandu jissottometti l-istrateġija għaċ-ċirkolarità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858 ***jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 168/2013, skont kif applikabbli***.

Or. en

Emenda 863
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament.	5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament. ***Għal vetturi tal-kategoriji N_2, N_3, M_2, M_3 u O għandhom japplikaw id-dati ta' applikazzjoni li ġejjin:*** ***Tip ġdid ta' vettura: Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip sottomessa wara d-dħul fis-seħħ + 60 xahar. Tipi kollha ta' vettura: Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, inklużi dawk li diġà għandhom approvazzjoni tat-tip, minn [dħul fis-seħħ + 108 xhur].***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ambitu fl-Artikolu2, 1.(b) jinkludi vetturi u ELVs tal-kategoriji M2, M3, N2, N3u O, li potenzjalment ikopru dawn il-vetturi kollha fis-suq tal-UE. L-iżgurar tal-konformità għal vetturi aktar antiki li jsiru ELVs wara d-dħul fis-seħħ + 60 xahar huwa diffiċli ħafna. L-ambitu għandu jkun limitat għal vetturi li jingħataw approvazzjoni tat-tip wara d-dħul fis-seħħ + 60 xahar u l-vetturi rreġistrati kollha wara d-dħul fis-seħħ + 108 xhur. L-integrazzjoni ta' informazzjoni dwar iż-żarmar fl-approvazzjoni tat-tip tiżgura konformità permezz ta' mekkaniżmi ta' kontroll tal-UE stabbiliti.

Emenda 864
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament.	5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament. ***Għal vetturi tal-kategoriji N2, N3, M2, M3 u O għandhom japplikaw id-dati ta' applikazzjoni li ġejjin: Tip ġdid ta' vettura: Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip sottomessa wara d-dħul fis-seħħ + 60 xahar. Tipi kollha ta' vettura: Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, inklużi dawk li diġà għandhom approvazzjoni tat-tip, minn [dħul fis-seħħ + 108 xhur].***

Or. en

Emenda 865
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-	5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-

applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament.	applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament ***jew f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 168/2013 lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 866
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifattur għandu jfassal*** strateġija għaċ-ċirkolarità.	1. ***Il-manifatturi għandhom,*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***ifasslu*** strateġija għaċ-ċirkolarità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċċju għas-sottomissjoni ta' strateġija għaċ-ċirkolarità għal kull mudell b'approvazzjoni tat-tip ġdid ma huwiex ċar. L-obbligu li tiġi sottomessa l-istrateġija għaċ-ċirkolarità għandu japplika għall-manifatturi fil-livell tal-kumpanija u mhux għal kull mudell b'approvazzjoni tat-tip ġdid.

Emenda 867
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifattur għandu jfassal*** strateġija għaċ-ċirkolarità.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifatturi tal-vetturi għandhom ifasslu*** strateġija għaċ-ċirkolarità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tfassil ta' strateġija għaċ-ċirkolarità għal kull tip ta' vettura huwa piż mhux xieraq fuq il-manifatturi tal-vetturi. Strateġija għaċ-ċirkolarità waħda għal kull manifattur tal-vetturi tista' tiddeskrivi b'mod adegwat kif il-kumpanija qiegħda tilħaq l-obbligi u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 868
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifattur għandu jfassal*** strateġija għaċ-ċirkolarità.	1. ***Il-manifatturi tal-vetturi għandhom*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***ifasslu*** strateġija għaċ-ċirkolarità.

Or. en

Emenda 869
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifattur għandu jfassal*** strateġija għaċ-ċirkolarità.	1. ***Il-manifatturi tal-vetturi għandhom*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***ifasslu*** strateġija għaċ-ċirkolarità.

Or. en

Emenda 870
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifattur għandu jfassal strateġija għaċ-ċirkolarità.	1. ***Il-manifatturi tal-vetturi għandhom*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***60*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifattur għandu jfassal strateġija għaċ-ċirkolarità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għas-sottomissjoni ta' strateġija għaċ-ċirkolarità għal kull mudell b'approvazzjoni tat-tip huwa nieqes minn benefiċċji ċari. Minflok, jekk dan ir-rekwiżit jiġi applikat fil-livell ta' manifattur se jallinja aħjar mal-istrateġija ta' riċiklaġġ tar-Regolament ELV, filwaqt li jiżgura konsistenza, inaqqas il-piż amministrattiv u jrawwem ċirkolarità fit-tul. Barra minn hekk, l-estensjoni tal-perjodu ta' konformità minn 36 għal 60 xahar hija essenzjali biex tippermetti lill-manifatturi żmien biżżejjed biex jadattaw, jintegraw miżuri ta' ċirkolarità u jimplimentawhom b'mod effettiv.

Emenda 871
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifattur għandu jfassal*** strateġija għaċ-ċirkolarità.	1. ***Il-manifatturi tal-vetturi għandhom*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***ifasslu*** strateġija għaċ-ċirkolarità.

Or. en

Emenda 872
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istrateġija għaċ-ċirkolarità għandha tiddeskrivi liema azzjonijiet se jieħdu l-manifatturi biex isegwu l-obbligi tagħhom ħalli jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċirkolarità fil-Kapitolu II, li huma vverifikati fil-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u li huma applikabbli għat-tip ta' vettura kkonċernat.	2. L-istrateġija għaċ-ċirkolarità għandha tiddeskrivi liema azzjonijiet se jieħdu l-manifatturi biex isegwu l-obbligi tagħhom ħalli jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċirkolarità fil-Kapitolu II, li huma vverifikati fil-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u li huma applikabbli għat-tip ta' vettura kkonċernat. ***L-istrateġija għaċ-ċirkolarità ma tridx tirriżulta f'piżijiet sproporzjonati u trid tqis il-kapaċitajiet u l-informazzjoni fil-fatt disponibbli mill-forniturі, b'mod partikolari l-SMEs.***

Or. en

Emenda 873
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu standards li dwarhom intlaħaq ftehim komuni li għandhom jintużaw min manifatturi għat-twettiq tal-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja msemmi fl-Anness IV, il-Parti A.

Or. en

Emenda 874
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu standards li dwarhom intlaħaq ftehim komuni li għandhom jintużaw min manifatturi għat-twettiq tal-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja msemmi fl-Anness IV, il-Parti A.

Or. en

Emenda 875
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-manifattur għandu jimmonitorja u jsegwi l-azzjonijiet li jinsabu fl-istrateġija għaċ-ċirkolarità u jaġġorna l-istrateġija ***kull 5 snin f'konformità mal-Parti B tal-Anness IV***. L-istrateġija aġġornata taċ-ċirkolarità għandha tiġi pprovduta lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' vettura u lill-Kummissjoni.	5. Il-manifattur għandu jimmonitorja u jsegwi l-azzjonijiet li jinsabu fl-istrateġija għaċ-ċirkolarità u jaġġorna l-istrateġija ***f'każ ta' kwalunkwe bidla rilevanti***. L-istrateġija aġġornata taċ-ċirkolarità għandha tiġi pprovduta lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' vettura u lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżiġenza ta' aġġornamenti regolari fl-istrateġija għaċ-ċirkolarità f'intervalli fissi toħloq piż mhux meħtieġ kemm għall-manifatturi kif ukoll għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Minflok, l-aġġornamenti għandhom ikunu meħtieġa biss meta jseħħu bidliet sinifikanti fi proċessi jew ċirkostanzi rilevanti, u dan jiżgura approċċ aktar effiċjenti u mmirat mingħajr ma jimponi kumplessità amministrattiva bla bżonn.

Emenda 876
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara ***d-dħul fis-seħħ tar-Regolament***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta':	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ***ġdid*** ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara ***l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'tipi ta' vetturi, kif imsemmi fl-Artikolu 6 (4 5)***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta':

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qabel ma jkun jista' jiġi implimentat ir-rekwiżit tad-dikjarazzjoni, l-ewwel iridu jiġu żviluppati kalkolu u metodoloġija ta' verifika robusti. Minħabba l-kumplessità tal-katina ta' provvista awtomobilistika, huwa meħtieġ biżżejjed żmien biex tinġabar data preċiża. Hija meħtieġa metodoloġija standardizzata biex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti. Il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali jeħtiġilhom ikollhom aċċess għal approċċ armonizzat għall-kalkolu ta' kontenut riċiklat qabel il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe studju ta' fattibbiltà.

Emenda 877
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar*** wara ***d-dħul fis-seħħ tar-Regolament***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta':	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***12-il xahar*** wara ***l-adozzjoni tal-att delegat li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-materjali riċiklati f'tipi ta' vetturi kif imsemmi fl-Artikolu 6***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta':

Or. en

Emenda 878
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal	36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ***tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu ta' kontenut riċiklat preżenti fil-vetturi, il-manifatturi***

id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ***tar-Regolament***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:	***għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ġdid ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [dħul fis-seħħ + 36 xahar***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:

Or. en

Emenda 879
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ***ġdid*** ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:

Or. en

Emenda 880
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara ***d-dħul fis-seħħ tar-Regolament***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***12-il*** xahar wara ***l-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikoli 6, il-paragrafi 2 u 5 ta’ dan ir-Regolament***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem

riċiklat ta’: | rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:

Or. en

Emenda 881
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ***tar-Regolament***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:	36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ***tal-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu ta’ kontenut riċiklat preżenti fil-vetturi, il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ġdid ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [dħul fis-seħħ + 36 xahar***] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:

Or. en

Emenda 882
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ***ġdid*** ta’ vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:

Or. en

Emenda 883
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta':	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ***ġdid*** ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta':

Or. en

Emenda 884
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju, boron f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika;	(a) neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju, boron***, nikil u kobalt*** f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika;

Or. en

Emenda 885
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju, boron f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika;	(a) neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju, boron***, nikil u kobalt*** f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika;

Or. en

Emenda 886
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju, boron f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika;	(a) neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju, ***nikil, kobalt,*** boron f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika;

Or. en

Emenda 887
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ħġieġ;

Or. en

Emenda 888
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(ba) ħġieġ;

Or. en

Emenda 889
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(dc) ħġieġ;

Or. en

Emenda 890
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(ab) lasktu;

Or. en

Emenda 891
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(bb) lasktu;

Or. en

Emenda 892
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) lasktu;

Or. en

Emenda 893
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) ram;

Or. en

Emenda 894
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) azzar**.**	(ii) azzar ***u l-ligi tiegħu***

Or. en

Emenda 895
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) plastik.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u stimulata d-domanda għal plastik riċiklat, perjodu ta' dikjarazzjoni obbligatorju u inċentivi għall-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali proattivi għandhom jippreċedu miri ta' kontenut riċiklat.

Emenda 896
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) plastik;

Or. en

Emenda 897
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) plastik

Or. en

Emenda 898
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) plastik

Or. en

Emenda 899
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dikjarazzjoni ***għandha tikkonċerna l-kontenut*** riċiklat ta' dawn il-materjali ***preżenti*** fit-tip ta' vettura u tindika, għal kull ***sehem*** materjali, jekk il-materjal ***huwiex*** riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.	Id-dikjarazzjoni ***għandu jkollha x'taqsam mal-proporzjon*** riċiklat ta' dawn il-materjali fit-tip ta' vettura u tindika, għal kull ***proporzjon*** materjali, jekk il-materjal ***ġiex*** riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' skart tal-plastik wara l-użu mill-konsumatur għandha tqis id-diversi materjali ta' polimeru li huma tipikament ittrattati fl-istess fluss ta' skart awtomobilistiku. Ir-referenza għal "flussi ta' skart tal-plastik wara l-użu mill-konsumatur" imbagħad għandha titqies fil-partijiet kollha tat-test leġiżlattiv.

Emenda 900
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta' dawn il-materjali preżenti fit-tip ta' vettura u tindika, għal	Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta' dawn il-materjali preżenti fit-tip ta' vettura u tindika, għal

kull sehem materjali, jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.	kull sehem materjali, ***u għal komponenti tal-plastik itqal minn 100 g,*** jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.

Or. en

Emenda 901
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta' dawn il-materjali preżenti fit-tip ta' vettura u tindika, għal kull sehem materjali, jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.	Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta' dawn il-materjali preżenti fit-tip ta' vettura u tindika, għal kull sehem materjali, ***u għal komponenti tal-plastik itqal minn 100 g,*** jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.

Or. en

Emenda 902
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta' dawn il-materjali preżenti fit-tip ta' vettura u tindika, għal kull sehem materjali, jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.	Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta' dawn il-materjali preżenti fit-tip ta' vettura u tindika, għal kull sehem materjali, ***u għal komponenti tal-plastik itqal minn 100 g,*** jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u stimulata d-domanda għal plastik riċiklat, perjodu ta' dikjarazzjoni obbligatorju u inċentivi għall-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali proattivi għandhom jippreċedu miri ta' kontenut riċiklat. Il-fornituri jeħtiġilhom ikunu mħejjija kmieni, b'data disponibbli sal-2029 għall-miri tal-2032. Trid tiġi stabbilita metodoloġija ċara qabel id-dikjarazzjonijiet biex jiġu żgurati l-akkuratezza u l-komparabbiltà. Għalhekk, huwa propost limitu ta' 100 g għal dikjarazzjonijiet tal-kontenut riċiklat, li jallinja mar-regoli ta' tikkettar biex jiġi evitat sforz sproporzjonat għal komponenti iżgħar.

Emenda 903
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Minbarra d-dikjarazzjoni, ċertifikazzjoni terza bbażata fuq EN 15343 u ISO 17065 għandha tintalab lill-manifatturi.

Or. en

Emenda 904
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-rekwiżit li jiġi ddikjarat is-sehem tal-kontenut riċiklat ta' ċertu materjal ma għandux japplika fejn tkun ġiet stabbilita mira għal dak il-materjal skont l-Artikolu 6(3) jew (4).	***imħassar***

Or. en

Emenda 905
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali preżenti fil-vetturi	Informazzjoni dwar it-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, il-modifika retroattiva, ir-rinnovazzjoni*** u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali preżenti fil-vetturi

Or. en

Emenda 906
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali preżenti fil-vetturi	Informazzjoni dwar it-tneħħija***, it-tiswija, ir-rimanifattura, il-modifika retroattiva, ir-rinnovazzjoni*** u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali preżenti fil-vetturi

Or. en

Emenda 907
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni dwar it-tneħħija ***u s-sostituzzjoni*** ta' partijiet, komponenti u materjali preżenti fil-vetturi	Informazzjoni dwar it-tneħħija***, is-sostituzzjoni u t-tiswija*** ta' partijiet, komponenti u materjali preżenti fil-vetturi

Or. en

Emenda 908
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***u lill-operaturi*** tat-tiswija u ***l-manutenzjoni*** għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess ***għal dawn li ġejjin*** u t-tneħħija ***u s-sostituzzjoni sikura tagħhom***:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett***, immedjat***, standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart***, tal-modifika retroattiva,*** tat-tiswija u ***tal-manutenzjoni***, ***matul mill-anqas 20 sena wara d-data ta' tmiem tat-tqegħid fis-suq,*** għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess, ***it-tneħħija u t-tiswija b'mod sikur u mhux distruttiv, u r-rimanifattura, il-modifika retroattiva, ir-rinnovazzjoni u s-sostituzzjoni , mingħajr ma jikkompromettu l-prestazzjoni tal-vettura, għal dawn li ġejjin***:

Or. en

Emenda 909
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett,	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett***, immedjat,***

standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess ***għal dawn li ġejjin u t-tneħħija*** u s-sostituzzjoni ***sikura tagħhom***:	***mingħajr ħlas***, standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni***, matul mill-anqas 20 sena wara d-data ta' tmiem tat-tqegħid fis-suq,*** għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess***, it-tneħħija u t-tiswija b'mod sikur u mhux distruttiv, u r-rinnovazzjoni, ir-rimanifattura*** u s-sostituzzjoni ***mingħajr ma jikkompromettu l-prestazzjoni tal-vettura, għal dawn li ġejjin***:
	Or. en

Emenda 910
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess ***għal dawn li ġejjin u t-tneħħija*** u s-sostituzzjoni ***sikura tagħhom***:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett***, immedjat, mingħajr ħlas***, standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess ***għat-tneħħija*** u s-sostituzzjoni ***sikuri u mhux distruttivi, u t-tiswija, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni fejn xieraq, mingħajr ma jikkompromettu l-prestazzjoni ta'*** dawn li ġejjin:
	Or. en

Emenda 911
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
while avoiding unnecessary bureaucratic burdens and additional costs for vehicle manufacturers. The original provision, which requires a passport for each individual vehicle placed on the market, would lead to significant administrative complexity and financial strain on producers, particularly in terms of compliance, data management, and regulatory oversight.By shifting the requirement to each new vehicle type approved, the amendment ensures that circularity information is properly documented and available without imposing disproportionate administrative costs. This approach aligns with existing regulatory frameworks in the automotive sector, where obligations are typically linked to vehicle type approvals rather than individual units.This amendment maintains the intended environmental and transparency benefits of the circularity vehicle passport while ensuring a more proportionate, cost-effective, and industry-friendly approach to its implementation.

Emenda 966
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tax-xahar wara 84 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] kull vettura ***mqiegħda*** fis-suq għandu ***jkollha*** passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura, li għandu ***jiġi allinjat ma' u, fejn possibbli, integrat f'passaporti*** ambjentali oħra relatati mal-vetturi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tax-xahar wara 84 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] kull ***tip ġdid ta'*** vettura ***mqiegħed*** fis-suq għandu ***jkollu*** passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura, li għandu ***jkun interoperabbli ma' passaporti*** ambjentali oħra relatati mal-vetturi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 967
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal

data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***84*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] kull vettura ***mqiegħda*** fis-suq għandu jkollha passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura, li għandu jiġi allinjat ma' u, fejn possibbli, integrat f'passaporti ambjentali oħra relatati mal-vetturi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.	data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] kull vettura ***b'approvazzjoni tat-tip ġdid imqiegħda*** fis-suq għandu jkollha passaport ***diġitali*** taċ-ċirkolarità tal-vettura, li għandu jiġi allinjat ma' u, fejn possibbli, integrat f'passaporti ambjentali oħra relatati mal-vetturi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 968
Zala Tomašič, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament f'format diġitali u għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.	2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament f'format diġitali u għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas***, filwaqt li jeskludi dettalji kunfidenzjali u jiżgura l-proprjetà intellettwali***.

Or. en

Emenda 969
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu ***11*** ta' dan ir-Regolament f'format diġitali u għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.	2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu ***10, 11 u 11a*** ta' dan ir-Regolament f'format diġitali u għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 970
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun ***fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament*** f'format diġitali ***u*** għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas***.***	2. Il-passaport ***diġitali*** taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun f'format diġitali***,*** għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas***, u għandu jkun fih:***

Or. en

Emenda 971
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;
	(b) informazzjoni dwar is-Sustanzi ta' Tħassib kollha, il-kwantitajiet tagħhom u l-post fil-vettura;
	(c) informazzjoni dwar il-materja prima kritika (CRMs) użata, il-kontenut riċiklat u l-pajjiżi ta' oriġini tal-materja prima primarja;
	(ii) l-impatti ambjentali u l-użu tar-riżorsi mill-produzzjoni tal-vetturi u l-immaniġġar ta' tmiem il-ħajja abbażi tal-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja msemmi fl-Anness IV, il-Parti A;
	(e) indiċi tal-possibbiltà ta' tiswija f'konformità mal-Artikolu 4a;
	(f) informazzjoni dwar il-prestazzjoni

tal-vetturi, inkluż traċċar ta' avvenimenti ta' ħsarat;

(g) informazzjoni ta' test u konformità inkluża informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni, il-garanzija u l-assigurazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ċertifikat tal-qerda u r-riżultati tekniċi tat-test tal-affidabilità stradali;

(h) informazzjoni ġenerali tal-vettura, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi, il-mudell, il-kategorija, informazzjoni tal-manifattur u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(i) informazzjoni dwar id-durabbiltà u t-tul ta' ħajja mistenni tal-vettura u tal-partijiet u l-komponenti tagħha;

(j) informazzjoni u struzzjonijiet indirizzati lill-konsumaturi fir-rigward tal-użu u r-rimi b'mod tajjeb mill-aspett ambjentali tal-vettura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiżdiedu biċċiet ta' informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti taħt is-CVP biex il-kontenut tas-CVP jiġi allinjat mal-Passaport tal-Batteriji (ir-Regolament dwar il-Batteriji), il-Passaport Ambjentali ta' Vettura (EURO 7) u l-Passaport Diġitali tal-Prodotti propost fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR), kif iddikjarat fil-paragrafu 1. Kif iddikjarat fil-paragrafi 1 u 6, il-passaporti għandhom ikunu integrati u interoperabbli.

Emenda 972
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament ***f'format diġitali u għandu***	2. Il-passaport ***diġitali*** taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun ***mingħajr ħlas, u għandu jkun*** fih***:***

jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament***;***

(b) informazzjoni dwar is-Sustanzi ta' Thassib kollha, il-kwantitajiet tagħhom u l-post fil-vettura;

(c) informazzjoni dwar il-materja prima kritika (CRMs) użata, il-kontenut riċiklat u l-pajjiżi ta' oriġini tal-materja prima primarja;

(ii) l-impatt ambjentali tal-produzzjoni tal-vetturi u l-immaniġġar ta' tmiem il-ħajja kif imsemmi fl-Anness IV, il-parti A;

(e) indiċi tal-possibbiltà ta' tiswija f'konformità mal-Artikolu 4a;

(f) informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-vetturi, inkluż traċċar ta' avvenimenti ta' ħsarat;

(g) informazzjoni ta' test u konformità inkluża informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni, il-garanzija u l-assigurazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ċertifikat tal-qerda u r-riżultati tekniċi tat-test tal-affidabilità stradali;

(h) informazzjoni ġenerali tal-vettura, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi, il-mudell, il-kategorija, informazzjoni tal-manifattur u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(i) informazzjoni dwar id-durabbiltà u t-tul ta' ħajja mistenni tal-vettura u tal-partijiet u l-komponenti tagħha;

(j) informazzjoni u struzzjonijiet immirati għall-konsumaturi fir-rigward tal-użu u r-rimi b'mod tajjeb mill-aspett ambjentali tal-vettura.

Or. en

Emenda 973
Letizia Moratti, Flavio Tosi, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata.	3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata. ***Din l-informazzjoni għandha tirreferi biss għal data disponibbli fl-istadji tad-disinn, tal-produzzjoni u tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, billi l-obbligi għall-aġġornament sussegwenti se jiġu rregolati minn regolamenti speċifiċi tas-settur u mhux se jimplikaw obbligi indiretti ġodda tul il-katina ta' provvista.***

Or. en

Emenda 974
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata.	3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata ***fil-ħin tat-tqegħid fis-suq tal-vettura***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manifatturi tal-vetturi jistgħu jkunu responsabbli biss li jipprovdu informazzjoni aġġornata fil-ħin tat-tqegħid fis-suq tal-vettura.

Emenda 975
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata***,*** kompluta ***u aġġornata***.	3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata ***u*** kompluta ***fil-ħin tat-tqegħid fis-suq tal-vettura***.

Or. en

Emenda 976
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata***,*** kompluta ***u aġġornata***.	3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata ***u*** kompluta ***fil-ħin tat-tqegħid fis-suq tal-vettura***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manifattur jista' jiggarantixxi l-kompletezza u l-akkuratezza tal-passaport tal-vettura biss fil-ħin tal-produzzjoni, peress li bidliet minħabba manutenzjoni, adattament u tiswijiet (b'mod partikolari b'partijiet mhux oriġinali) jistgħu jaffettwaw dan aktar tard fil-ħajja tal-vettura.

Emenda 977
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta ***u aġġornata***.	3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta ***fil-ħin tat-tqegħid fis-suq tal-vettura***.

Or. en

Emenda 978
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata.	3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq għandu jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta ***fil-ħin tat-tqegħid fis-suq tal-vettura***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manifattur jista' jiggarantixxi l-kompletezza u l-akkuratezza tal-passaport tal-vettura biss fil-ħin tal-produzzjoni. Matul il-ħajja tagħha, il-manutenzjoni, l-adattament u t-tiswijiet, b'mod speċjali b'partijiet mhux oriġinali, jistgħu jimmodifikaw id-dettalji tagħha. Għalhekk, il-garanzija tal-kompletezza tal-manifattur għandha tkun limitata għal meta l-vettura titqiegħed fis-suq għall-ewwel darba.

Emenda 979
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) trasferibbli permezz ta' ***network ta' skambju ta' data interoperabbli miftuħ mingħajr intrappolament tal-klijentela***;	(c) trasferibbli permezz ta' ***Interfaċċa għall-Ippogrammar tal-Applikazzjonijiet (API) miftuħa jew teknoloġija ekwivalenti, aċċessibbli għal entitajiet li jissodisfaw il-kwalifiki deskritti f'dan ir-Regolament***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara l-implimentazzjoni teknika tat-trasferiment tad-data billi tispeċifika aċċess ibbażat fuq l-API jew soluzzjoni ekwivalenti oħra filwaqt li tiżgura li entitajiet ikkwalifikati biss skont ir-Regolament jistgħu jiksbu l-informazzjoni, li tevita r-ridondanza ma' interoperabbiltà eżistenti u dispożizzjonijiet ta' intrappolament tal-klijentela fl-Artikolu 13(4).

Emenda 980
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Il-passaport taċ-ċirkolarità għandu jiġi rreġistrat fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi fi żmien 60 xahar wara l-adozzjoni ta' din il-proposta.

Or. en

Emenda 981
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-qerda għal ***dik il-vettura*** li ma tkunx għadha qed tintuża.	5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża ***jew li tkun ġiet esportata legalment barra mill-Unjoni*** għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat ***tal-esportazzjoni jew*** tal-qerda għal ***vettura*** li ma tkunx għadha qed tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu japplika meta vettura tiġi esportata barra mill-UE kif ukoll meta vettura tasal fit-tmiem tal-ħajja tagħha.

Emenda 982
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.	5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża ***jew li tkun esportata legalment mill-Unjoni*** għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat ***tal-esportazzjoni jew*** tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.

Or. en

Emenda 983
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.	5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża ***jew li tkun esportata legalment mill-Unjoni*** għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat ***tal-esportazzjoni jew*** tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.

Or. en

Emenda 984
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.	5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża ***jew li tkun esportata legalment mill-Unjoni*** għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat ***tal-esportazzjoni jew*** tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jitwaqqaf ladarba vettura tiġi esportata legalment mill-UE jew tkun waslet fit-tmiem tal-ħajja tagħha.

Emenda 985
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw dan li ġej:***	***Meta tistabbilixxi r-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu,*** il-Kummissjoni għandha ***tqis il-ħtieġa li tiżgura livelli għoli ta' sigurtà u privatezza, inkluża r-restrizzjoni ta' aċċess dirett għal data tal-operat ta' vettura.***

Or. en

Emenda 986
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw dan li ġej:	***Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tax-xahar wara 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]***, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw dan li ġej:

Or. en

Emenda 987
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mod u ***l-ispeċifikazzjoni*** teknika tas-soluzzjoni li għandha tintuża biex jiġi aċċessat il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura;	(a) il-mod u ***r-rekwiżiti bażiċi*** tas-soluzzjoni teknika li għandha tintuża biex jiġi aċċessat il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura***, li jiżguraw approċċ teknoloġikament newtrali li jippermetti diversi implimentazzjonijiet tekniċi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura approċċ teknoloġikament newtrali, li jippermetti flessibbiltà fl-implimentazzjoni filwaqt li jipprevjeni lill-Kummissjoni milli timponi soluzzjoni unika, u b'hekk titrawwem l-innovazzjoni u l-kompatibbiltà wiesgħa.

Emenda 988
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-interoperabbiltà tal-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ma' passaporti oħra meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;	(i) ***l-allinjament u*** l-interoperabbiltà tal-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ma' passaporti oħra meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 989
Zala Tomašič, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħżin u l-ipproċessar ta' informazzjoni inkluża fil-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura;	(ii) il-ħżin u l-ipproċessar ta' informazzjoni inkluża fil-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura***, li jiżguraw konformità mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġijiet tal-protezzjoni tad-data***;

Or. en

Emenda 990
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa

Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-introduzzjoni, il-modifika u l-aġġornament ta' informazzjoni inkluża fil-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura minn partijiet terzi għajr il-manifattur;	(c) ***il-kundizzjonijiet biex jiġi aċċessat il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura, inkluż id-dritt ta' aċċess*** u l-introduzzjoni, il-modifika u l-aġġornament ta' informazzjoni inkluża fil-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura minn partijiet terzi għajr il-manifattur;

Or. en

Emenda 991
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kundizzjonijiet biex jiġi aċċessat il-passaport taċ-ċirkolarità, inkluż id-dritt ta' aċċess, u l-introduzzjoni, il-modifika u l-aġġornament tal-informazzjoni inkluża fil-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura minn partijiet terzi għajr il-manifattur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiżdiedu dispożizzjonijiet biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura minn partijiet terzi għajr il-manifattur, pereżempju għall-operaturi indipendenti u għas-sewwejja.

Emenda 992
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kundizzjonijiet biex jiġi aċċessat il-passaport tal-vettura għall-ekonomija ċirkolari, u r-regoli rilevanti għall-protezzjoni tad-data;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni tad-data hija fundamentali. Terzi persuni ma għandhomx ikollhom aċċess distint għad-data.

Emenda 993
Zala Tomašič, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta tistabbilixxi r-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u privatezza.	Meta tistabbilixxi r-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u privatezza***, b'mod partikolari fir-rigward ta' protezzjonijiet tal-proprjetà intellettwali u sigrieti kummerċjali relatati ma' partijiet u komponenti tal-vetturi***.

Or. en

Emenda 994
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta tistabbilixxi r-regoli msemmija fl-	Meta tistabbilixxi r-regoli msemmija fl-

ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u privatezza.	ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u privatezza***, inkluża r-restrizzjoni ta' aċċess dirett għal data tal-operat ta' vettura***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-duplikazzjoni u l-piż bla bżonn minn obbligi ta' rappurtar li jvarjaw, inklużi l-passaporti tal-prodott, iridu jiġu evitati. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura, bħall-passaporti tal-prodotti kollha, ma għandux jippermetti aċċess dirett għad-data tal-operat tal-vettura jew jippermetti influwenza fuq l-unitajiet ta' kontroll elettroniku (ECUs) jew is-software tal-vettura minħabba tħassib dwar id-data u ċ-ċibersigurtà.

Emenda 995
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, meta tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' dawn il-miżuri biex tevita li tintroduċi pożijiet sproporzjonati jew restrizzjonijiet teknoloġiċi jew ekonomiċi fil-katina tal-produzzjoni, li jaffettwaw b'mod partikolari lill-SMEs. Il-Kummissjoni għandha tiżgura integrazzjoni ma' sistemi ta' konformità eżistenti biex tevita duplikazzjoni u piż amministrattiv addizzjonali.

Or. en

Emenda 996
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Id-disponibbiltà tal-ispare parts
	Il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jagħmlu disponibbli mill-anqas il-partijiet u l-komponenti elenkati fl-Anness VII, il-Parti C għall-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni, bi prezz raġonevoli, fi żmien 20 jum tax-xogħol wara li jkunu rċevew ordni, u għal mill-anqas 20 sena wara d-data tat-tqegħid fis-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija importanti biex tippermetti t-tiswijiet. Rekwiżiti tad-disponibbiltà tal-ispare parts jeżistu taħt il-miżuri tal-ekodisinn.

Emenda 997
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Id-disponibbiltà tal-ispare parts
	Il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jagħmlu disponibbli mill-anqas il-partijiet u l-komponenti elenkati fl-Anness VII, il-Parti C għall-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni, bi prezz raġonevoli, fi żmien 20 jum tax-xogħol wara li jkunu rċevew ordni, u għal mill-anqas 20 sena wara d-data tat-tqegħid fis-suq.

Or. en

Emenda 998
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13b
	Aġġornamenti tas-sistema operattiva
	1. Mid-data ta' tmiem it-tqegħid fis-suq sa mill-anqas 20 sena wara dik id-data, il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom, jekk ikunu jipprovdu aġġornamenti tas-sigurtà, aġġornamenti korrettivi jew aġġornamenti tal-funzjonalità għal sistema operattiva, jagħmlu dawk l-aġġornamenti disponibbli mingħajr ħlas għall-unitajiet kollha ta' mudell ta' vettura bl-istess sistema operattiva.
	2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu japplika kemm għall-aġġornamenti tas-sistema operattiva offruti volontarjament mill-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati kif ukoll għall-aġġornamenti tas-sistema operattiva pprovduti għal konformità mad-dritt tal-Unjoni.
	3. Il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jagħmlu disponibbli l-aġġornamenti tas-sigurtà jew l-aġġornamenti korrettivi msemmija fl-ewwel paragrafu għall-utent mhux aktar tard minn 4 xhur wara r-rilaxx għall-pubbliku tal-kodiċi tas-sors ta' aġġornament tas-sistema operattiva sottostanti jew, jekk il-kodiċi tas-sors ma jiġix rilaxxat għall-pubbliku, wara li aġġornament tal-istess sistema operattiva jiġi rilaxxat mill-fornitur tas-sistema operattiva jew ta' xi prodott ieħor tal-istess marka.
	4. Il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jagħmlu l-aġġornamenti tal-funzjonalità msemmija fl-ewwel paragrafu disponibbli

għall-utent mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-rilaxx għall-pubbliku tal-kodiċi tas-sors ta' aġġornament tas-sistema operattiva sottostanti jew, jekk il-kodiċi tas-sors ma jiġix rilaxxat għall-pubbliku, wara li aġġornament tal-istess sistema operattiva jiġi rrilaxxat mill-fornitur tas-sistema operattiva jew ta' xi prodott ieħor tal-istess marka.

5. Aġġornament tas-sistema operattiva jista' jikkombina aġġornamenti tas-sigurtà, korrettivi u tal-funzjonalità.

6. Meta aġġornament tal-funzjonalità pprovdut minn manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat juri impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-vettura, il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jimmodifikaw is-sistema operattiva rilaxxata biex jiżguraw mill-anqas l-istess prestazzjoni bħal qabel l-aġġornament f'perjodu ta' żmien raġonevoli, mingħajr ħlas u mingħajr ma jikkawżaw inkonvenjenza sinifikanti lill-utent finali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija importanti biex testendi l-ħajja tal-vettura. Hekk kif il-vetturi jsiru dejjem aktar konnessi, id-dipendenza tagħhom fuq is-sistemi operattivi qiegħda tikber. Rekwiżiti simili jeżistu taħt il-miżuri tal-ekodisinn.

Emenda 999
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13b
	Aġġornamenti tas-sistema operattiva
	1. Mid-data ta' tmiem it-tqegħid fis-suq sa mill-anqas 20 sena wara dik id-

data, il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom, jekk ikunu jipprovdu aġġornamenti tas-sigurtà, aġġornamenti korrettivi jew aġġornamenti tal-funzjonalità għal sistema operattiva, jagħmlu dawk l-aġġornamenti disponibbli mingħajr ħlas għall-unitajiet kollha ta' mudell ta' vettura bl-istess sistema operattiva.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu japplika kemm għall-aġġornamenti tas-sistema operattiva offruti volontarjament mill-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati kif ukoll għall-aġġornamenti tas-sistema operattiva pprovduti għal konformità mad-dritt tal-Unjoni.

3. Il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jagħmlu disponibbli l-aġġornamenti tas-sigurtà jew l-aġġornamenti korrettivi msemmija fl-ewwel paragrafu għall-utent mhux aktar tard minn 4 xhur wara r-rilaxx għall-pubbliku tal-kodiċi tas-sors ta' aġġornament tas-sistema operattiva sottostanti jew, jekk il-kodiċi tas-sors ma jiġix rilaxxat għall-pubbliku, wara li aġġornament tal-istess sistema operattiva jiġi rilaxxat mill-fornitur tas-sistema operattiva jew ta' xi prodott ieħor tal-istess marka.

4. Il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jagħmlu l-aġġornamenti tal-funzjonalità msemmija fl-ewwel paragrafu disponibbli għall-utent mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-rilaxx għall-pubbliku tal-kodiċi tas-sors ta' aġġornament tas-sistema operattiva sottostanti jew, jekk il-kodiċi tas-sors ma jiġix rilaxxat għall-pubbliku, wara li aġġornament tal-istess sistema operattiva jiġi rrilaxxat mill-fornitur tas-sistema operattiva jew ta' xi prodott ieħor tal-istess marka.

5. Aġġornament tas-sistema operattiva jista' jikkombina aġġornamenti tas-sigurtà, korrettivi u tal-funzjonalità.

	6. Meta aġġornament tal-funzjonalità pprovdut minn manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat juri impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-vettura, il-manifatturi, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jimmodifikaw is-sistema operattiva rilaxxata biex jiżguraw mill-anqas l-istess prestazzjoni bħal qabel l-aġġornament f'perjodu ta' żmien raġonevoli, mingħajr ħlas u mingħajr ma jikkawżaw inkonvenjenza sinifikanti lill-utent finali.

Or. en

Emenda 1000
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għall-obbligi skont dan il-Kapitolu, b'mod partikolari għall-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-obbligi tagħhom kif stabbilit fl-Artikoli 15 sa 36.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għall-obbligi skont dan il-Kapitolu, b'mod partikolari għall-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-obbligi tagħhom kif stabbilit fl-Artikoli 15 sa 36. ***Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, li jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni, tal-prattika tajba u tal-koordinazzjoni.***

Or. en

Emenda 1001
Katri Kulmuni, Maria Guzenina, Anna-Maja Henriksson, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw kriterji stabbiliti fl-Anness I biex jivvalutaw jekk vettura hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1002
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru ***jista'*** jaħtar punt ta' kuntatt wieħed, fost l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, għall-fini ta' komunikazzjoni mal-Kummissjoni.	2. Kull Stat Membru jaħtar punt ta' kuntatt wieħed, fost l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, għall-fini ta' komunikazzjoni mal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1003
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex toħroġ permess imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk l-istabbiliment jew l-impriża għandhiex il-kapaċità teknika***, *finanzjarja u organizzattiva*** li hija meħtieġa sabiex tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 27.	2. Sabiex toħroġ permess imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk l-istabbiliment jew l-impriża għandhiex il-kapaċità teknika li hija meħtieġa sabiex tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 27.

Or. en

Emenda 1004
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-permessi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jindikaw li l-faċilitajiet ta' trattament għandhom il-kompetenza li joħorġu ċertifikat ta' qerda, kif imsemmi fl-Artikolu 25.	3. Il-permessi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jindikaw li l-faċilitajiet ta' trattament ***biss*** għandhom il-kompetenza li joħorġu ċertifikat ta' qerda, kif imsemmi fl-Artikolu 25.

Or. en

Emenda 1005
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li jirrikjedu li l-produtturi jew, meta maħtura f'konformità mal-Artikolu 17(1), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jikkonkludu kuntratti ma' faċilitajiet tat-trattament awtorizzati għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi tagħhom.

Or. en

Emenda 1006
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li jirrikjedu li l-produtturi jew, meta maħtura f'konformità mal-Artikolu 18(1), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jikkonkludu kuntratti ma' faċilitajiet tat-trattament awtorizzati għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi tagħhom.

Or. en

Emenda 1007
Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li jirrikjedu li l-produtturi jew, meta maħtura f'konformità mal-Artikolu 17(1), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jikkonkludu kuntratti ma' faċilitajiet tat-trattament awtorizzati għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi tagħhom.

Or. en

Emenda 1008
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Fil-każ li l-Istati Membri jirrikjedu

li l-produttur jew, meta maħtura f'konformità mal-Artikolu 17(1), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur jikkonkludu kuntratti ma' faċilitajiet tat-trattament awtorizzati għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur tagħhom, kuntratti bħal dawn għandhom jiġu offruti lill-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati kollha.

Or. en

Emenda 1009
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2) biex tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-kuntratti msemmija fil-paragrafu 3a u 3b, sabiex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn l-entitajiet kontraenti. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

Or. en

Emenda 1010
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi rekwiżiti applikabbli dettaljati għall-kuntratti msemmija fil-paragrafu 3a, bil-ħsieb li jiġu żgurati termini u kundizzjonijiet ġusti, trasparenti u nondiskriminatorji. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

Or. en

Emenda 1011
Katri Kulmuni, Maria Guzenina, Anna-Maja Henriksson, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri biex jirrikjedu li l-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati jistgħu jiġbru, jaħżnu u jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw, jew partijiet u komponenti ta' vetturi, biss f'kooperazzjoni mal-produtturi jew, meta maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

Or. en

Emenda 1012
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
L-Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Responsabbiltà estiża tal-produttur	
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. L-iskema stabbilita mill-produtturi biex jeżerċitaw dik ir-responsabbiltà għandha tkun konsistenti mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.	
Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għandha tinkludi l-obbligu għall-produtturi li jiżguraw li:	
(a) il-vetturi li huma jkunu qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru u li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw	
(i) jingabru f'konformità mal-Artikolu 23;	
(ii) jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 27;	
(b) l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-punt (a) jissodisfaw il-miri stabbiliti fl-Artikolu 34.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'kuntrast mas-sistemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti, bħal dawk użati fis-settur tal-iskart tal-imballaġġ, il-vetturi huma prodotti durabbli ħafna u jilħqu t-tmiem tal-ħajja ta' servizz tagħhom wara medja ta' 17-il sena ta' użu. Is-sistemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huma assoċjati ma' ħidma amministrattiva addizzjonali għall-kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart (b'mod partikolari rapportar, obbligi għal kooperazzjoni eċċ.) u

għandhom jintużaw biss jekk il-kostijiet ta' trattament u riċiklaġġ xieraq jaqbżu l-valur tal-materjali rkuprati.

Emenda 1013
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. ***L-iskema stabbilita mill-produtturi biex jeżerċitaw dik ir-responsabbiltà għandha tkun konsistenti mal-Artikoli*** 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u ***tikkonforma*** mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. ***Produtturi bħal dawn għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli*** 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u ***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Or. en

Emenda 1014
Viktória Ferenc, Barbara Bonte, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. L-iskema ***stabbilita mill-produtturi biex jeżerċitaw***	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi ***u spare parts*** li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. ***L-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-***

dik ir-responsabbiltà għandha tkun konsistenti mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

produttur għandha tkun konsistenti mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Or. en

Emenda 1015
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Produttur li jbigħ vetturi lil utenti finali permezz ta' kuntratti mill-bogħod u li huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat għal responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru fejn iqiegħed fis-suq vetturi għall-ewwel darba. Din il-ħatra għandha ssir permezz ta' mandat bil-miktub.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għandha tibqa' dmir immexxi mill-produttur skont id-Direttiva 2008/98/KE, b'Organizzazzjonijiet b'Kompetenza fil-Qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PROs) stabbiliti minn diversi produtturi. Sabiex tissaħħaħ il-konformità, ix-xerrejja mill-bogħod għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat. Peress li l-produtturi huma nieqsa minn setgħat ta' infurzar fuq l-operaturi tal-iskart, l-operaturi tal-iskart biss għandhom jirrapportaw il-konformità. Il-manifatturi għandhom jiffokaw fuq li jfasslu vetturi għal użu mill-ġdid u riċiklaġġ, filwaqt li l-awtoritajiet jimmonitorjaw il-konformità regolatorja.

Emenda 1016
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Produttur kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt 22, għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru li fih ibigħ il-vetturi. Din il-ħatra għandha ssir permezz ta' mandat bil-miktub.

Or. en

Emenda 1017
Viktória Ferenc, Barbara Bonte, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-vetturi li huma jkunu qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru u li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw	(a) il-vetturi ***u l-ispare parts*** li huma jkunu qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru u li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw

Or. en

Ġustifikazzjoni

Lil hinn mill-vetturi, l-ispare parts li huma kkummerċjalizzati b'mod separat u li huma installati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi wkoll għandhom ikunu fl-ambitu tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, peress li dawn jirrikjedu wkoll il-ġbir u t-trattament fi tmiem il-ħajja tagħhom jew meta l-vettura ma tibqax tintuża. Skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jistgħu jiġu stabbiliti minn produtturi u anke mill-Istati Membri, għalhekk nissuġġerixxu l-emenda teknika ta' hawn fuq.

Emenda 1018
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-vetturi li huma jkunu qiegħdu fis-	(a) il-vetturi li huma jkunu qiegħdu fis-

suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru u li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw	suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru u li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw ***huma:***

Or. en

Emenda 1019
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 27;	(ii) jiġu trattati f'konformità mal-Artikolu 27 ***f'dawk il-każijiet fejn il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati ma jistgħux iwettqu t-trattament minħabba spejjeż operattivi netti mifruxa kif stabbilit fl-Artikolu 20, il-paragrafu (1), il-punt (a);***

Or. es

Emenda 1020
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 27;	(ii) jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 27 ***f'każijiet li fihom il-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati ma jistgħux iwettqu t-trattament minħabba l-eżistenza mifruxa ta' kostijiet operattivi netti kif stabbilit fl-Artikolu 20.1.a)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fatt li l-vettura li ma għadhiex tintuża hija oġġett ta' valur u mhux se jkun hemm bżonn li jintalab id-defiċit għandu jitqies. Fil-każ li tiġi ppruvata eżistenza mifruxa ta' kost operattiv

nett globali (falliment tas-suq globali) biss, il-produtturi għandhom jieħdu ħsieb it-trattament.

Emenda 1021
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 27;	(ii) jiġu ttrattati ***minn faċilitajiet tat-trattament li għandhom permess validu*** f'konformità mal-Artikolu ***15 u li ma ġewx sospiżi wara spezzjoni f'konformità mal-Artikolu 46***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għandha tibqa' dmir immexxi mill-produttur skont id-Direttiva 2008/98/KE, b'Organizzazzjonijiet b'Kompetenza fil-Qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PROs) stabbiliti minn diversi produtturi. Sabiex tissaħħaħ il-konformità, ix-xerrejja mill-bogħod għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat. Peress li l-produtturi huma nieqsa minn setgħat ta' infurzar fuq l-operaturi tal-iskart, l-operaturi tal-iskart biss għandhom jirrapportaw il-konformità. Il-manifatturi għandhom jiffokaw fuq li jfasslu vetturi għal użu mill-ġdid u riċiklaġġ, filwaqt li l-awtoritajiet jimmonitorjaw il-konformità regolatorja.

Emenda 1022
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-punt (a) jissodisfaw il-miri stabbiliti fl-Artikolu 34.	***imħassar***

Or. es

Emenda 1023
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
